# ID-DAWL

MEJJU 2023

WWW.AHMADIYYA.MT

NUMRU 65

**"Tassew, Alla jħares lejn qlubkom u l-azzjonijiet tagħkom."**



L-Essenza tar-Reliġjon | It-Talb hu Sinjal ta' Alla | Alla jara l-Qlub | Ma' Nanniet Malta

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# L-ESSENZA TAR-RELIĠJON

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

L-Iżlam jemmen bis-sħiħ fl-imħabba ta' Alla u tal-umanità, u jenfasizza ħafna fuq dawn iż-żewġ prinċipji bażiċi li kulħadd għandu jiffoka fuqhom. Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jispjega dan b'mod tajjeb u jgħid:

"L-essenza tar-reliġjon hija bbażata biss fuq żewġ aspetti importanti, li huma d-drittijiet dovuti lil Alla, u d-drittijiet dovuti lill-ħolqien Tiegħu... Huwa essenzjali li wieħed jiftakar li r-reliġjon hija bbażata fuq żewġ drittijiet. L-ewwel dritt huwa l-obbligi dovuti lil Alla. Dan jinkludi kif wieħed għandu **jemmen u jkollu fidi f'Alla** u l-manjiera li biha għandU jiġi meqjum. It-tieni huwa l-obbligi li għandhom jingħataw lill-ħolqien ta' Alla. Dan jikkonsisti kif wieħed għandu **juri mogħdrija, imħabba, ġenerożità, u benevolenza lill-kreazzjonijiet ta' Alla** u għandu jtaffilhom is-sofferenzi, l-uġigħ u d-dwejjaq tagħhom."[(i)]

"Reliġjon vera hija waħda li tkun kapaċi telimina l-injoranza tal-bniedem u xxerred il-barkiet li l-fidili tagħha fil-ħajja ta' kuljum tagħhom ikunu tabilħaqq jidhru li qed juru devozzjoni lil Alla u mħabba u kompassjoni lill-ħolqien ta' Alla. Wieħed li verament jemmen f'reliġjon bħal din jilħaq l-għan u skop aħħari li ruħhom ikunu għatxana u mxennqa li jiksbu."[(ii)]


## ID-DAWL

MEJJU 2023 – Numru 65
Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**


**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**


## INDEX


| | |
|---|---|
| The essence of religion | 02 |
| Prayer is a sign of God | 03 |
| Allah looks at your hearts | 04 |
| Eid-Ul-Fitr Celebration | 06 |
| Table manners | 08 |


(i) *Malfużat*, Vol. 2, p. 85, edizzjoni 2010; (ii) *Ruhani Khazain* Vol. 21, pp.27-29


**www.ahmadiya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Sirirak Kaewgorn | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# IT-TALB HU SINJAL TA’ ALLA

***Hamza Nisar***

Kien fil-lejl imbierek tal-Ġimgħa, waqt li kont qed nitlob, li ġietni f’moħħi l-idea li nżur Mekka—uffiċjalment “Makkah”— il-belt qaddisa tal-Iżlam. Dejjem xtaqt immur għall-*Umrah*. L-Umrah tfisser ‘żjara’ lill-Kaaba Qaddisa (id-Dar Qaddisa ta’ Alla) f’kull żmien matul is-sena ħlief fil-ġranet preskritti tal-Ħaġġ— il-Pellegrinaġġ. Li tmur għall-Umrah hija barka iżda jien kelli xewqa oħra li mmur għall-Umrah tul ir-Ramadan, għalhekk jien u marti konna mberkin li se nqattgħu ftit ġranet mir-Ramadan fl-Arabja Sawdita.

Wasalna Mekka u t-tnejn iddeċidejna li mmorru naraw mal-ewwel il-Kaaba u nibdew l-Umrah tagħna. Jingħad li meta tara l-Kaaba l-Qaddisa għall-ewwel darba, kulma titlob jiġi aċċettat. Ħsibt f’ħafna talbiet, iżda meta rajt il-Kaaba, insejt it-talb kollu tiegħi għax bqajt imsaħħar bil-ġmiel, il-qdusija u l-preżenza tal-Kaaba. Hawn kienet quddiemi struttura li tirrappreżenta d-Dar ta’ Alla, struttura li jien tlabt li nżurha għal snin.

Wara ġimgħa f’Mekka, wasal iż-żmien biex nibdew il-vjaġġ tagħna lejn Madinah. Fl-aħħar darba li rajt il-Kaaba, ħassejtni se nibki għax ħassejt li se nitlaq minn dari. Ħassejtni vojt u dan ġagħalni nirrealizza kemm kien diffiċli għall-Maħbub tagħna l-Profeta Muħammad, is-sliem għalih, li jitlaq minn Mekka — il-belt fejn twieled u trabba, belt li tant kienet tfisser għalih — meta tela’ lejn Madinah minħabba l-persekuzzjoni. Il-ġurnata ta’ wara żorna Al-Masjid an-Nabawi magħruf bl-Ingliż bħala *the Prophet’s Mosque*. Waqt li konna mixjin lejn il-moskea, immaġinajna lill-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, miexi fl-istess toroq. Kien jieħu l-istess nifs. Dawn il-ħsibijiet fakkruna kemm konna xxurtjati li stajna nieħdu sehem f’dan il-vjaġġ imbierek.

Il-vjaġġ tagħna kien mimli sinjali li l-Mulej tagħna jisma’ talbna. It-talbiet kollha tagħna tul dan il-vjaġġ ġew milqugħa waħda waħda u dan żidilna l-imħabba tagħna lejn Alla, li hu l-Aktar Ġentili, Dejjem Ħanin.

# ALLA JARA L-QLUB

Kull filgħodu l-bnedmin madwar id-dinja jippreparaw b'mod tajjeb qabel joħorġu barra minn djarhom għall-impenji u d-dmirijiet tagħhom ta' kuljum. Nużaw kull mezz disponibbli biex nidhru puliti, sbieħ u deċenti. Fil-qosor, nagħmlu l-almu tagħna kollha għad-dehra ta' barra u għas-seħer u l-grazzja fiżika tagħna. Tqum il-mistoqsija, nieħdu passi simili u nagħmlu l-isforzi kollha għall-ġmiel ġewwieni tagħna: għas-sbuħija ta' rwieħna, imħuħna u qlubna? Mhix is-sbuħija ta' ġewwa iktar importanti mill-ħarsa ta' barra tagħna?

Huwa minnu li kif qal il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, **"Alla huwa ġmiel u jħobb is-sbuħija."** Huwa importanti li nidhru sbieħ u deċenti, iżda din waħedha mhix biżżejjed sakemm is-sbuħija ta' barra tiġi kkumplimentata bis-sbuħija ta' ġewwa u viċiversa.

## Il-karattru jew id-dehra fiżika?

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal:

**"Tassew, Alla ma jħarisx lejn is-suriet tagħkom u l-ġid u rikkezzi tagħkom imma Hu tabilħaqq iħares lejn qlubkom u l-azzjonijiet tagħkom."**

Il-kelma "qalb" użata f'dan id-diskors tirrappreżenta kemm qalb kif ukoll moħħ, għax "qalb" litteralment tfisser il-punt ċentrali ta' organiżmu jew tal-ħajjin. Il-qalb u l-moħħ huma t-tnejn, fl-isferi rispettivi tagħhom, ċentri tal-organiżmu tal-ġisem, il-moħħ huwa ċ-ċentru tas-sentimenti u l-qalb hija ċ-ċentru tal-esperjenza spiritwali.

## Is-sbuħija ta' barra jew ta' ġewwa?

Hemm lezzjoni kbira f'dan il-kliem għaqli li s-sbuħija ta' barra tgħib imma s-sbuħija ta' ġewwa u l-għemejjel tajbin tar-ruħ huma għall-eternità, huma jgħoddu ħafna u jibqgħu għal dejjem, anke wara din il-ħajja.


MRizly- Shutterstock

Barra minn hekk, għandna nieħdu nota wkoll li Alla ma jiġġudikax il-valur tal-bnedmin mill-evalwazzjoni tas-sbuħija fiżika tagħhom jew il-ġid tagħhom. Minflok, Hu jħares lejn rashom u qlubhom li huma s-sors u r-repożitorji naturali għall-ħsibijiet u s-sentimenti umani, u mbagħad iħares lejn l-għemejjel tagħhom li huma l-prodotti tal-ħsibijiet u s-sentimenti tagħhom. Kif nafu huma l-moħħ u l-qalb tal-bniedem li jippjanaw l-affarijiet u l-partijiet l-oħra tal-ġisem iwettqu u jimplimentaw dawk il-pjanijiet. Għalhekk, il-Qaddis Profeta Muħammad semagħhom, għax it-tnejn huma importanti.

## Alla jara l-karattru u mhux id-dehra fiżika

Fil-qosor, huwa l-karattru li jgħodd l-iktar u mhux id-dehra. Alla jgħid fil-Koran Imqaddes: **"Alla tabilħaqq iħobb lill-ġusti."** (60:9); **"Tabilħaqq li l-aktar wieħed imweġġaħ, onorevoli u rispettabbli minnkom quddiem Alla huwa l-aktar wieħed ġust minnkom"** (49:14). Għalkemm is-sbuħija u l-ġid huma r-rigal mingħand il-Mulej u għandna biex inkunu grati lejn il-Mulej għal dawk il-barkiet Tiegħu, imma dak li għandna nżommu f'moħħna huwa li Alla jieħu nota tal-qalb u l-għemejjel tagħna.

## IL-MOĦĦ, IL-QALB U L-AZZJONIJIET

Huwa, għalhekk, id-dmir tagħna li nfittxu dak li jtejjeb il-moħħ, il-qalb u l-azzjonijiet tagħna, minflok is-sbuħija ta' barra u l-oġġetti tad-dinja. Wieħed irid iżomm f'moħħu sew li mhux biss li dawn l-affarijiet se jiżnu fuqu f'Jum il-Ġudizzju, iżda dawn l-għemejjel twajba u ġusti jiżnu f'din id-dinja wkoll. Huwa fatt li anke f'din id-dinja jingħata piż reali lis-sentimenti tal-qalb u l-mottivi tal-moħħ u l-azzjonijiet tar-riġlejn; dawn jiswew ħafna f'din id-dinja kif ukoll fl-oħra.

Il-verità hi li ladarba poplu jingħata l-favur li l-irjus u l-qlub u r-riġlejn tal-membri tiegħu jibdew joperaw fid-direzzjoni t-tajba, l-ebda setgħa ma tista' tfixkel il-mixja tal-progress tiegħu u lanqas iċaħħdu mit-twettiq tal-ogħla valuri.

## EID-UL-FITR ĊELEBRAZZJONI MA' NANNIET MALTA





Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta stiednet 50 membru mill-organizzazzjoni **'Nanniet Malta'** mmexxija mis-Sur Philip Chircop, biex flimkien jesperjenzaw u jiċċelebraw iċ-Ċelebrazzjoni tal-Eid-Ul-Fitr. **Eid-ul-Fitr tfisser "il-festa tal-ksur tas-sawm."** Eid-ul-Fitr hija ċelebrazzjoni reliġjuża osservata l-għada tat-tmiem tar-Ramadan, ix-xahar tas-sawm Iżlamiku. Huwa jum ta' ħafna ferħ u hena speċjalment minn dawk il-persuni xxurtjati li osservaw is-sawm u ħasdu l-frott spiritwali ta' dan l-eżerċizzju qaddis skont id-direzzjonijiet ta' Alla fil-Koran Imqaddes.

Wara l-programm formali l-mistednin ġew servuti b'ikla buffet tradizzjonali li kulħadd ħa gost u l-ikla għoġbot lill-mistednin kollha. Aktar tard saret sessjoni ta' diskussjoni, qsim ta' esperjenzi personali, u ta' mistoqsijiet u tweġibiet (Q&A).

F'din is-sessjoni, xi mistednin qasmu l-esperjenzi u l-ħsibijiet personali tagħhom. Il-mistednin kienu ħerqana ħafna li jistaqsu varjetà ta' mistoqsijiet dwar is-sawm matul ir-Ramadan, Eid-Ul-Fitr, il-filosofija tal-festi Iżlamiċi, il-modi ta' kif jiċċelebraw il-festi Iżlamiċi, il-velu Iżlamiku, il-poligamija, l-armonija bejn ir-reliġjonijiet, il-promozzjoni tal-fratellanza u l-perspettiva Iżlamika dwar iż-żfin u mużika. L-Imam Laiq Ahmed Atif kellu l-opportunità jwieġeb il-mistoqsijiet kollha tal-mistednin. Din is-sessjoni kompliet għal madwar siegħa.

# IL-MANJIERI TA' FUQ IL-MEJDA

L-Iżlam huwa mod ta' ħajja li jiggwidana f'kull settur tal-ħajja. L-Iżlam jipprovdi gwida ċara dwar l-etiketti tal-ikel u jgħallimna l-manjieri tal-ikel bħal: Aħsel idejk qabel u wara kull ikla. Jekk ikun hemm is-srievet ifrex waħda fuq kuxxtejk ħalli jekk jaqgħu l-biċċiet tal-ikel dawn ma jtebbgħulekx il-ħwejjeġ. Qabel ma tibda tiekol għid it-talba li: **F'Isem Alla u bil-barkiet ta' Alla.** Dejjem kul u ixrob b'idek il-leminija u ddeffisx idek fil-platt. Ħu gidmiet żgħar, żomm ħalqek magħluq u omgħod l-ikel bil-mod mingħajr ma tagħmel ħsejjes. Meta tkun qed tpoġġi l-ikel fil-platt tiegħek, ħu dak li jkun fuq quddiem tad-dixx u tagħżilx biċċiet tal-laħam jew ikel ieħor li l-aktar li tħobb. Fil-bidu qiegħed kwantità żgħira ta' ikel fil-platt tiegħek – fil-każ ħu naqra oħra aktar tard. Poġġi fil-platt dak l-ammont li inti tiflaħ tiekol biss. Jekk m'hemmx ikel biżżejjed, aħseb fl-oħrajn u ħu anqas mis-soltu. Tikolx iżżejjed. Kul kemm għandek bżonn u ieqaf meta tkun qed tħossok ftit bil-ġuħ. Kul ikel tajjeb għas-saħħa bħal ħaxix, insalata u frott. Tikolx meta l-ikel ikun jaħraq ħafna u l-istess tixrobx te jew ħalib meta jkunu jaħarqu ħafna. Bl-istess mod m'għandekx tixrob ilma jew affarijiet oħra meta jkunu kesħin ħafna.

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta ppreżentat is-siġġu tar-roti (wheelchair) lill-Marokkin li waqa' minn tliet sulari waqt li kien qed jaħdem xi ftit ġimgħat ilu. Huwa bħalissa għaddej minn rkupru u kellu bżonn siġġu tar-roti għall-użu personali tiegħu. Huwa flimkien mal-President tal-Komunità Marokkina rċevew din id-donazzjoni. Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana tawguralu fejqan ta' malajr u saħħa sħiħa.



**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**